**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI**

**MAGISTRAT**
**DR ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D. MAG. JUR. (EU LAW)**

**Seduta ta' l-Erbgha 30 ta' Mejju 2001**

Citazzjoni numru 17/01

Peter Brian Asciak u Mary Asciak f'isimhom proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' binthom minuri Elaine Asciak

-vs-

Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex

Il-Qorti;

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-atturi li jaqra:

Illi bint l-atturi jisimha Elaine Asciak u twieldet fit-tnax (12) ta' Mejju ta' l-elf disa' mija u sitta u tmenin (1986) liema twelid hu registrat fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku Victoria, Ghawdex permezz ta' l-att numru mitejn u sitta u tletin (236) ta' l-elf disa' mija u sitta u tmenin (1986) (Dok A);

Illi dan l-att tat-twelid relattiv ghat-twelid ta' bint l-atturi huwa skorrett stante li fil-kolonna intestata "Isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier" il-kunjom

jidher spellut bhala “Axiaq” meta dak proprju kellu jkun “Asciak”.

Illi kif jirrizulta anke mic-certifikat tat-twelid tal-missier kif ukoll mic-certifikat taz-zwieg tieghu, kunjom l-atturi jinkiteb bhala “Asciak” u mhux “Axiaq”.

U illi l-atturi jridu li dan l-att ikun ikkorregut, b’mod illi kull fejn fuqu jinkorri l-kunjom “Axiaq” dan ghandu jigi ikkorregut u sostitwit bil-kunjom “Asciak”.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara l-att tat-twelid numru mitejn u sitta u tletin (236) ta’ l-elf disa’ mija u sitta u tmenin (1986) huwa skorrett fis-sens kif fuq spjegat.

2. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta’ l-Att tat-twelid l-att numru mitejn u sitta u tletin (236) ta’ l-elf disa’ mija u sitta u tmenin (1986) relattiv ghat-twelid ta’ bint l-atturi, billi kull fejn fl-imsemmi att jinkorri l-kunjom spellut “Axiaq” dan ghandu jigi sostitwit u miktub “Asciak”.

Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi debitament guramentata;

Rat l-opportuna pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern numru 2460 tad-9 ta’ Marzu 2001 permezz ta’ l-Avviz numru 551;

Rat ir-rikors ta’ l-atturi ghal-beneficcju tal-ghajnuna legali tas-16 ta’ Frar 2001 akkordat minn dina l-Qorti b’digriet tas-6 ta’ Marzu ta’ l-istess sena;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku fejn eccepixxa:

1. Illi huwa mhuwiex edott mill-fatti u ghaldaqstant jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba. Salv li jkunu l-ahjar u ammissibbli skond il-ligi;

2. Illi huwa m'ghandux ibati spejjez;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

L-atturi qeghdin jitolbu biex jigi korrett l-att tat-twelid ta' binthom minuri Elaine Asciak numru 236/1986 billi kunjomha huwa spellut "Axiaq" minflok "Asciak".

Dina l-Qorti wara li semghet l-atturi u rat id-dokumenti annessi mac-citazzjoni hi sodisfatta li t-talba taghhom ghandha tigi akkolta stante li jirrizulta li kunjom il-minuri ghandu jkun "Asciak" u mhux "Axiaq" kif riportat fl-att tat-twelid taghha u dan kif jirrizulta wisq cara mid-dokumenti "B" u "C" li huma c-certifikat tat-twelid ta' missier il-minuri u c-certifikat taz-zwieg tal-genituri tal-minuri, rispettivament.

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti qeghdha tilqa' t-talbiet ta' l-atturi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba; u

2. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta' l-Att tat-Twelid numru mitejn u sitta u tletin ta' l-elf disa' mija u sitta u tmenin (236/1986) relattiv ghat-twelid ta' bint il-minuri billi fil-kolonni rispettivament intestati "Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier" u "Isem u Kunjom u post tat-twelid ta' l-Omm" il-kunjom "Axiaq" jigi sostitwit bil-kunjom "Asciak".

Spejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

(ft.) A. M. Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur